MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 401/2012

**Appell Numru: 401/2012**

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Aquilina**

**Vs**

**Pierre Cassar**

Illum, 17 t'Ottubru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat Pierre Cassar, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 181763M talli:

1. f'dawn il-Gżejjer, fit-3 ta' Mejju 2005, u fix-xhur ta' qabel din id-data, bħala ċittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, kellu fil-pussess tiegħu ritratt, film, video recording jew xbieha

elettronika indiċenti bħal dawn, liema reat hu aggravat bil-fatt li xi wħud minn dawn ir-ritratti, films, video recordings jew xbiehat elettroniċi ndiċenti juru persuni taħt l-eta` li ma kienux għalqu d-disa snin; u

2. kif ukoll talli sar reċediv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta datata 4 ta' Ġunju 2002, liema sentenza hija definittiva u ma tistgħax jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Lulju, 2012, fejn il-Qorti sabet htija biss ai termini tal-artikolu 208A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (minghjr, kif diga` premess, l-aggravanti ta' l-eta' taht id-disa` snin);

Illiberatu mill-effetti ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet t'a Malta, in kwantu dawn ma rrizultawx.

Dwar il-piena rat id-dokument ML fejn jirrizulta li l-imputat innifsu ghandu tlitt itfal, ghal giehdna wahda minnhom tifla. Qajla tista` tifhem kif missier ta' tifla jista` jinteressa ruhu f'immagni ta' bniet zghar bhal ma huma wliedu ghal gratifikazzjoni sesswali ta' ragel suppost matur u adult.

Rat il-fedina penali tieghu, u l-ammissjoni minnu registrata.

Ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sena (1) habs sospiza ghal sentejn (2) u dan wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat ukoll il-konfiska u d-distruzzjoni ta' dak kollu esebit, u ghal dna l-iskop tahtar lil Dr. Martin Bajada.

Rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' malta u ikkundannatu ghall-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' €371.62.

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fis-16 ta' Awwissu, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata jogħoġobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Pierre Cassar ħati ta' l-imputazzjoni prinċipali dedotta kontra tiegħu, u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma sabitux ħati tal-aggravju relattiv għal tfal taħt id-disa' snin, u minflok għar-raġunijiet premessi, issibu ħati ukoll *ai termini* ta' dan l-aggravju imsemmi mill-artikolu 208A (3) tal-liġi kif kien fiż-żmien meta ġie kommess ir-reat *de quo*;

2. kif ukoll tħassarha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellat Pierre Cassar ħati tar-reċidiva u minflok issibu ħati wkoll ta' dan l-addebitu, u teroga l-piena komplessiva ta' priġunerija effettiva kontra l-appellat Pierre Cassar skond il-Liġi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-

Illi fit-3 ta' Awissu 2012, l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom u għaldaqstant qiegħed jintavola dan l-umli appell a bażi ta' dak li jipprovdi l- artikolu 413(1)(b)(iv) u (c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta mis-sentenza appellata illi l-appellat instab ħati tar-reat adebittat lilu, ***mingħajr*** l-aggravju li t-tfal li kienu ssoġettati għal tali pornografija kellhom l-eta` taħt id-disa' snin. Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sostniet li fil-faxxikolu (Dok MB), preżentat minn Dr Martin Bajada, jidhru diversi immaġini ta' "tfajliet" involuti f'pożi libidinużi u f'atti sesswali, u li l-Qorti ma tistax tiddetermina jekk xi ħadd minnhom għandux disa' snin jew anqas. Illi bid-dovut rispett lejn il-Qorti tal-Maġistrati fil-vesti tagħha bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-esponent Avukat Ġenerali ma jaqbel assolutament xejn mal-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Onorabbli Qorti . Naturalment, hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-akkużi dedotti kontra l-

imputat, inklużi l-aggravji jekk ikun il-każ, u l-prosekuzzjoni hija tenuta li ġġib l-aħjar prova. Idealment, f'każ bħal dak odjern, l-aħjar prova kienet tkun iċ-ċertifikat tat-twelid tat-tfal in kwistjoni, pero` ġaladarba hawn evidentement *si tratta* ta' immaġini mniżżlin minn fuq l-internet, u kwindi l-identita` tal-bniet in kwistjoni m'hijiex magħrufa, huwa prattikament *impossibli* li l-prosekuzzjoni teżebixxi ċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom. Pero`, bid-dovut rispett, dan ma jfissirx li l-aggravju ma ġiex ippruvat sal-grad taċ-ċertezza morali! L-'aħjar prova' fiċ-ċirkostanzi odjerni hija bla dubju l-prova tar-ritratti nfushom! Għalkemm l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li jista' jkun hemm dubju dwar jekk xi bniet fir-ritratti eżebiti għandhomx aktar jew anqas minn disa' snin, b'kull rispett ma hemm ebda dubju li xi bniet oħrajn evidentement għandhom anqas minn disa' snin!

B'kull rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma tridx tkun xi espert pedjatriku u/jew ma tridx ikollok xi sengħa jew ħila speċjali biex tiddetermina li t-tifla li tidher fir-ritratti eżebiti, partikolarment dik li tidher fil-paġna enumerata "31 of 67", fuq it-titolu "new 5 yo daddy please lick my" għandha ferm anqas minn disa' snin! Dan mhux il-għaliex id-deskrizzjoni ta' l-immaġini tattribwilha l-eta` ta' ħames snin – għax dan ma jfisser assolutament xejn; imma l-għaliex ix-xbiha titkellem waħedha! It-tifla li tidher f'dawk ir-ritratti għandha anqas minn disa' snin. Dan bla ebda dubju dettat mir-raġuni, u mingħajr ma wieħed jirrikjedi xi sengħa jew ħila speċjali biex wieħed jiddetermina dan! Ir-ritratti huma prova fihom innifishom – u bla dubju huma l-aħjar prova fiċ-ċirkostanzi. Kwindi, l-aggravju addebitat lill-appellat ġie ndubbjament ippruvat sal-grad rikjest mill-liġi.

Ir-reat addebitat lill-appellat huwa ta' natura *serjissima*. Huma nies bħall-appellat, li jniżżlu u jmexxu dan it-tip ta' pornografija mill-aktar infami li jsostnu l-aġir ta' nies oħrajn, fuq bażi nternazzjonali, li jipproduċu din it-tip ta' pornografija mill-aktar moqżieża, li tiddistruġġi b'mod permanenti u rriversibbli l-innoċenza u t-tfulija ta' tfal innoċenti! Dawn huma fost l-agħar delitti mmaġinabbli, u bl-aġir tiegħu l-appellat kien parteċipi fihom. Kif

ġustament irrimarkat l-Ewwel Onorabbli Qorti, dawn it-tip ta’ reati huma dejjem diżgustanti, iżda meta jkunu kommessi minn missier ta’ tifla ta’ ċirka l-eta` ta’ xi wħud mit-tfal li jidhru fix-xbihat eżebiti, bħall-appellat odjern, tali aġir ikun indubbjament allarmanti u għandu jkun sanzjonat bla ebda riżerva, u għalhekk l-esponent jitlob lil din Onorabbli Qorti biex tqies kemm fil-fatt dan ir-reat m’għandux jittieħed b’leġġerezza. It-tfulija ta’ kull tifel u tifla hija sagra, u s-salta tad-Dritt għandha tippuniexi li kull minn għal skopijiet libidi jikkalpesta lil dawn iċ-ċkejknin. L-esponent Avukat Ġenerali ħassu tassew aggravat meta l-Qorti tal-Maġistrati fil-vesti tagħha bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali lliberat lill-appellat Pierre Cassar mill-ħtija fil-konfront ta’ l-aggravju għal tfal taħt id-disa’ snin għaliex f’dan il-kuntest, sentenza ta’ priġunerija *sospiża* la hija piena ndikata fiċ-ċirkostanzi, la opportuna u wisq anqas adegwata.

Illi jirriżulta mis-sentenza appellata illi l-appellat instab ħati tar-reat adebittat lilu, *mingħajr* l-adebbitu tar-reċidiva. L-esponent Avukat Ġenerali jinsisti li l-appellat Pierre Cassar kien ġie addebitat r-reċidiva u tali reċidiva ġiet pruvata permezz ta’ vera kopja fotostatika ta’ sentenza tal-Qorti a fol. 52 tal-proċess. L-unika diskrepanza li hemm huwa fl-isem tal-omm u fl-indirizz. Id-diskrepanza fl-indirizz ma tfisser assolutament xejn *stante* li persuna tista’ tbiddel diversi indirizzi matul il-ħajja tagħha; id-diskrepanza fl-isem tal-omm huwa evidentament *lapsus calami*, huwa żball, għax id-dettalji l-oħra kollha jaqblu, inkluż in-numru tal-karta tal-identita` ‘181763M’ liema numru huwa uniku għal dan iċ-ċittadin Malti.

Skond każistika *in materia*, per l-Prim Imħallef Emeritus, l-Onor. Vincent deGaetano biex ir-reċidiva tiġi pruvata jeħtieġ li tiġi eżebita kopja legali tas-sentenza preċedenti u din is-sentenza tirrikjama l-konnotati tal-persuna akkużata:

*‘Għalkemm il-fedina penali tista’ tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta’ Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta’ kopja*

*legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti, kif ukoll billi jiġi ppruvat a sodisfazzjon tal-qorti – permezz ta' xhieda jew minn eżami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami tal-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva'*[1].

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Paul Abela***, deċiża minn din l-Onorabbli Qorti (*per* Onor. Imħallef David Scicluna) fl-10 ta' Settembru 2004, din l-Onorabbli Qorti rritjeniet illi:

*'Bħalma dejjem ġie ritenut, l-aħjar prova sabiex tiġi ppruvata xi akkuża ta' reċedivita' hi li tiġi eżebita kopja uffiċjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova tal-identita`. L-obbligu tal-prosekuzzjoni li teżebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni mogħtija mill-akkużat li tipproduċi l-prova tal-identita`. Jekk ma tiġix eżebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja uffiċjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuża, allura wieħed ma jistax jgħid li saret l-aħjar prova dwar jekk verament preċedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat ieħor li tiegħu ġie misjub ħati'*[2].

L-esponent Avukat Ġenerali jiġbed għaldaqstant l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti għall-fatt li minn fol. 52, mill-fedina penali a fol. 2, u mill-prova tal-identita` a fol. 4 tal-proċess, l-appellat Pierre Cassar huwa reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, u kwindi anke tali reċidivita` kellha timillita *kontra* l-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fid-dawl tal-preklużjoni taħt is-sub-artikolu (7)(b):

[1] Il-Pulizija v. Zahra Joseph, 24/02/2003, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Ref. 272/2002.
[2] Il-Pulizija v. Abela Paul, 10/03/2004, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Ref. 87/2004.

***28A.*** *(1) Bla ħsara għas-subartikoli (2) sa (7) u l-artikoli 28B sa 28I, qorti li tagħti sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn għal reat tista' tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul dak il-perijodu li jiġi speċifikat fl-ordni, li ma jkunx ta' inqas minn sena jew ta' iżjed minn erba' snin mid-data tal-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ; u f'dan l-artikolu u kull fejn tinstab fl-artikoli 28B sa 28G u fl-artikolu 28I "il-perijodu operattiv", dwar sentenza sospiża, tfisser dak il-perijodu hekk speċifikat.*

*(7) Ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) ma għandux isir f'xi wieħed mil-każijiet li ġejjin -*

*(b) meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini tal-artikolu 50.*

Ikkunsidrat.

Il-fatti ta' dan il-kaz huma kif irrapurtati mill-Avukat Generali fir-rikors ta' l-appell tieghu u cioe' li l-pulizija kellhom komunika mill-intrapriza barranija COSPOR li kien qieghed jitnizzel xi materjal pedo/pornografiku minn fuq l-internet. L-Ispettur Paul Caruana ghamel tfittxija fir-residenza ta' l-appellat Pierre Cassar fejn dan it-tip ta' materjal instab fil-computer u fis-CDs elevati minn ghand l-appellat. Matul l-interrogazzjoni Pierre Cassar ammetta li kien nizzel t-tali materjal li fih kien jinkludi t-tfal. Konsegwentament nbdew il-proceduri odjerni fil-konfront ta' l-appellat Pierre Cassar.

Fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2007 (fol 58) l-appellat ammetta minghajr riserva l-akkuzi dedotti kontra tieghu nkluzi li xbieghat juru persuni taht l-eta' li ma kienux jaghlqu d-9 snin u r-recidiva. B'Sentenza moghtija fis-26 ta' Lulju, 2012 (fol 202) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu pero' minghar l-agravju ta' l-eta' u r-recidiva u kkundannatu ghal sena habs sospiza ghal sentejn.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell. L-agravju principali ta' l-Avukat Generali qieghed fil-fatt illi l-ewwel Qorti ma setghet qatt tillibera lill-appellat mill-agravju ta' l-eta' dana peress illi mir-ritratti stess jidher car illi x-xbieghat juru persuni taht l-eta' ta' 9 snin (ara ritratti numerati "31 of 67"). It-tieni nett giet ippruvata wkoll ir-recidiva u l-ewwel Qorti ma kelliex tillibera lill-appellat minn dan l-addebitu wkoll.

Ikkunsidrat.

Fis-Sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet illi meta l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghamel hekk minghar ma ammetta l-agravanti u l-addebitu tar-recidiva. Din il-Qorti rat il-verbal tas-17 ta' Jannar, 2007 (fol 56 u 58) u mkien m'hemm imnizzel illi l-appellat ghamel xi kwalifika ghall-ammissjoni tieghu. Fil-fatt din l-ammissjoni hija wahda inkondizzjonata ghall-akkuza kif dedotta kontra tieghu li tinkludi l-agravju ta' tfajliet taht l-eta' ta' 9 snin u r-recidiva. L-unika haga illi kellha taghmel il-Qorti fuq ammissjoni bhal din illi terga tirrikonfermha, kif fil-fatt ghamlet, u tghaddi ghas-Sentenza. Bir-rispett l-ewwel Qorti ma kelliex ghalfejn tidhol fil-konsiderazzjonijiet jekk ix-xbieghat ta' tfajliet li kienu jidhru f'xi whud mir-ritratti esebiti kienux ta' l-eta' taht id-9 snin jew le. Dana apparti l-fatt illi f'pagna partikulari (31of 67) tidher xbiegha ta' persuna illi tidher ferm anqas minn 9 snin, mhux ghaliex id-deskrizzjoni taht ix-xbiegha tghid illi l-persuna ghandha eta' ta' 5 snin izda 'l ghaliex ir-ritratt jitkellem wahdu u huwa ovvju illi si tratta ta' persuna ta' anqas minn 9 snin. L-appellat jghid illi l-filmat gie ghandu minn ghand terzi izda jirrikonoxxi illi zball tieghu kien illi rrekordja dawn il-films avolja ma kienx talabhom hu. Dana huwa kaz ta' "downloading" u xejn aktar u ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet sew fejn imponiet Sentenza sospiza.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti tikkondividi l-istmerrija illi l-ewwel Qorti wriet meta giet biex tikkonsidra dan il-kaz. Dana huwa wiehed mill-aghar delitti mmaginabli fejn tfal taht l-eta', b'xi whud

minnhom taht id-9 snin, jigu sfruttati u maghmula jippartecipaw f'atti sesswali l-aktar moqzieza ghas-sodisfazzjon ta' xi whud illi misshom ikunu jafu ahjar u gejja minn persuna illi hu missier ta' tfal taht l-eta' l-istess bhat-tfal illi jidhru fix-xbieghat, il-Qorti tiskanta kif l-appellat qatt seta' jiddawnlowdja dawn l-affarijiet l-aktar moqzieza u ripellanti ghas-socjeta illi nghixu fiha.

Ghal dak li jirrigwardja r-recidiva r-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Generali jidher bic-car kif il-gurisprudenza dejjem uriet illi f'dawn ic-cirkustanzi illi r-recidiva tkun ippruvata. Pero' din il-Qorti terga taghmel referenza ghall-ammissjoni nkondizzjonata ta' l-appellat fejn wahda mill-addebiti li kellu kienet propju dik ta' recidiva u l-appellat ammettiha. Ghalhekk fuq dan il-bazi biss il-Qorti tara illi r-recidiva fil-konfront ta' l-appellat kellha tigi applikata mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Pierre Cassar hati ta' l-imputazzjoni principali dedotta tieghu, tirrevokaha u tirriformha fejn ma sabitux hati ta' l-agravju relattiv ghat-tfal taht id-9 snin u minflok ai termini ta' l-Artiklu 208A (3) issibu hati ta' dan l-agravju, thassarha wkoll dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellat hati tar-recidiva u minn flok issibu wkoll hati ta' dan l-adebitu u tikkundanna lill-appellat Pierre Cassar ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija effettiva. Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta' dak kollu esebit u dan taht is-sorveljanza ta' Dr. Martin Bajada kif ukoll tikkundanna lill-appellat li jhallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €371.62 ai termini ta' l-Artiklu 533 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------